

Brussell, 27 ta' Frar 2019
(OR. en)

15793/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0420 (NLE)

EURODAC 40
ENFOPOL 638
COMIX 735

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabli għall-eżami ta' talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja fir-rigward ta' aċċess fil-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea,
tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea,
l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja
għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea
u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja
dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli
għall-eżami ta' talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja
fir-rigward ta' aċċess fil-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 87(2) u l-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 88(2) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Iżlanda u n-Norveġja dwar l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni tal-Iżlanda u tan-Norveġja fil-proċedura għat-tqabbil u t-trażmissjoni ta' *data* għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi kif previst fil-Kapitolu VI tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (2) In-negozjati ġew konklużi u l-Protokoll għall-Ftehim tad-19 ta' Jannar 2001 bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja fir-rigward ta' aċċess fil-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi (il-"Protokoll") kien inizjalat fil-21 ta' Diċembru 2017.

¹ Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

- (3) Il-Protokoll jenħtieġ li jiġi ffirmat.
- (4) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta mir-Regolament (UE) Nru 603/2013 u għalhekk qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (5) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja fir-rigward ta' aċċess fil-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi huwa b'dan awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni.

¹ It-test tal-Protokoll se jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.
⁺ Delegazzjonijiet: ara d-dokument ST 15792/18.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
